MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Avviz Numru. 96/2007

**M.A.S. Communications Limited ( C 13828)**

**Vs**

**Synergene Profiling Limited (C 31227)**

Il-Qorti,
Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disgha mija u tlieta u sebghin liri u disgha centezmi (Lm2973.09,0) jew l-ekwivalenti f'munita Ewro jekk din tkun il-munita lokali fid-data tas-sentenza, liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm208.00 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura nru. 7048 ukoll datata 31 ta' Dicembru 2004, (b) kwantu ghal Lm295.00 skond fattura nru.7395 datata 1 ta' April 2005, (c) kwantu ghal Lm295.00 skond fattura nru. 7396 datata 1 ta' Mejju, 2005, (d) kwantu ghal Lm295.00 skond fattura nru. 7397 datata 1 ta' Gunju,2005, (e) kwantu ghal Lm295.00 skond fattura nru. 7398 datata 1 ta' Lulju 2005, (f) kwantu ghal

Lm295.00 skond fattura nru.7399 datata 1 ta' Awissu 2005, (g) kwantu ghal Lm295.00 skond fattura nru.7400 datata 1 ta' Settembru 2005, (h) kwantu ghal Lm70.80 skond fattura nru.7478 datata 17 ta' Mejju 2005, (i) kwantu ghal Lm118.00 skond fattura nru. 7782 datata 8 ta'Awissu 2005, (j) kwantu ghal Lm70.80 skond fattura nru. 7864 datata 1 ta' Settembru 2005, (k) kwantu ghal Lm219.57 skond fattura nru. 7921 datata 26 ta' Settembru 2005, (l) kwantu ghal Lm47.20 skond fattura nru. 7929 datata 26 ta' Settembru 2005, (m) kwantu ghal Lm29.50 skond fattura nru. 8064 datata 8 ta' Novembru 2005, (n) kwantu ghal Lm177.00 skond fattura nru. 8066 datata 15 ta' Ottubru 2005, u (o) kwantu ghal Lm262.22 skond fattura nru. 8123 datata 14 ta' Novembru 2005, dan kollu in konnessjoni ma' diversi servizzi ta' reklamar u retainer *fee* ghall-istess (flimkien ma' VAT relattiv), liema servizzi kienu gew ilkoll provduti fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta u sallum ma thallsux, dan kollu skond kif indikat ahjar f'kopji relattivi tal-fatturi u tal-prospett, hawn ilkoll annessi u mmarkati bl-ittri "A" sa "P" rispettivament.
Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 25 ta' Lulju 2006 (kopja dok "Q" hawn annessa), u bl-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi, mid-dati ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx la fis-7 ta' April, 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------